MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2349/2002

***Duncan Decelis u Edward Decelis***

***vs***

***Simon u Doris konjugi Zammit f'isimhom u ghan-nom ta' S & D Construction Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti proprio et. nomine jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti depozitu mhallas mill-atturi lill-konvenuti sabiex jezegwixxu xogholijiet fil-fond proprjeta' ta' l-atturi, liema ftehim ta' appalt gie terminat permezz ta' ittra ufficjali datata 19
ta' Lulju 2002, stante illi tali xogholijiet ma gewx ezegwiti entro l-perijodu miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Lulju 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti proprio et. nomine.

Ra li l-konvenuti proprio et. nomine debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Edward Gatt ghan-nom ta’ l-atturi, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jhallsu lill-atturi s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Lulju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti proprio et. nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**